



Brussell, 30 ta' April 2021
(OR. en)

8186/21

Fajl Interistituzzjonal:
2021/0015(CNS)

FISC 66
ECOFIN 386

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	5701/21 COM(2021) 28 final
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa rigward il-kontenut tar-reġistri elettroniċi - Adozzjoni

1. Fis-26 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa rigward il-kontenut tar-reġistri elettroniċi¹.
2. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġiet adottata fis-27 ta' April 2021². L-opinjoni tal-Parlament Ewropew ġiet adottata fid-29 ta' April 2021³.

¹ Dok. 5701/21.

² <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/administrative-cooperation-field-excise-duties-electronic-registers>

³ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2021-0121_MT.html

3. Ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni kontra s-sustanza ta' dan ir-Regolament tal-Kunsill fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta – Dazji tas-Sisa).
 4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif ieffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti u kif jinsab fid-dokument 7312/21, bil-ħsieb li l-Kunsill jadotta l-att legali bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss;
 - jiddeċiedi, minħabba l-urġenza, li jekk ma ssir l-ebda laqgħa formali tal-Kunsill qabel it-12 ta' Mejju 2021, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, kif estiża bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/556, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/702, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/970, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1253, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1659, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/26 u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454, il-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tat-test tar-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa rigward il-kontenut tar-reġistri elettroniċi kif jinsab fid-dokument 7312/21;
- jissuġġerixxi li l-Kunsill jaqbel dwar il-publikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi hawn fuq fil-Ġurnal Uffiċjali.